MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Numru. 529/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Christian Calleja et**

**Illum id-19 ta' Jannar tas-sena 2010.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-*Probation* datat l-24 ta' Dicembru tas-sena 2009, li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm esposti giet mitluba tirriezamina l-ordni ta' *probation* moghti minn din l-istess qorti fil-konfront tal-

imputat Christian Calleja fis-sentenza taghha tal-20 ta’ Gunju tas-sena 2008;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti fir-rigward;

Rat is-sentenza taghha fuq indikata;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta abbundantement assodat li l-ordni ta’ *probation* moghti fil-konfront tal-imputat Christian Calleja ma serva tal-ebda gid ghall-imputat ghaliex nonostante din l-opportunita` unika lilhu moghtija u imgedda wara rikors ta’ denunzja precedenti u simili ghal dak odjern datat it-28 ta’ Lulju tas-sena 2008, l-istess imputat baqa` mhux biss impenitenti izda baqa` jizzerzaq aktar fil-hajja zregolata u negattiva li intraprenda;

Illi mhux hekk biss, anzi jirrizulta inoltre li zdied fl-abbuz fid-droga – kemm kannabis, kif ukoll marijuana – kif ukoll fil-frekwentazzjoni tal-hajja kriminali li tidher li issa hakmitu u li jirrizulta li taghha jrid anke jwiegeb fil-futur;

Illi di piu` mhux biss l-ufficjal tal-*probation* ma tistax tqabbdu fit-triq tar-riabilitazzjoni tant awspikata, izda lanqas operaturi ohra minn agenziji ohra koadjukattivi ma hallew xi mpronta pozittiva;

Illi ghaldaqstant din il-qorti tilqa` t-talba kontenuta fir-rikors, u wara li rat l-Artikolu 10 tal-Kap 446 thassar u tirrevoka l-ordni taghha ta’ *probation* moghti fis-sentenza precitata datata l-20 ta’ Gunju tas-sena 2008;

Rat ghalhekk l-Artikoli ndikati fl-istess sentenza, senjatament l-Artikoli 262 (1) (b), 263, 269, 270, 325 (1) (c), 325 (1) (d), 111(2), 334, 251(A), 251(B), 338(bb), 339(1) (e) tal-Kap.9;

Rat ukoll l-artikolu 17 (b) u (c) tal-istess Kap. 9 u tikkundanna lill-imputat Christian Calleja għall-piena ta' sena (1) priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------